# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 300/2015**

Il-Pulizija

vs

**Ivan Gerald Zammit**

iben Anthony, imwieled Pieta', fit-22 ta' Settembru, 1966, detentur tal-karta tal-identita' numru 479166(M)

Illum 10 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Ivan Gerald Zammit quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli għan-nom u in rappreżentanza ta' I G Enterprises Ltd u/jew bħala persuna reġistrata mad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, skond l-Att ta' 1-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Numru XXIII ta' 1-1998) u regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att, fl-24 ta' Novembru 2013, ġewwa Triq ix-Xatt, Sliema, jew hu jew impjegati tiegħu jew xi persuna oħra li kienet qed taġixxi għan-nom tiegħu, naqas li jagħti jew jipproduċi riċevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali jew kotba ta' riċevuti fiskali manwali kif maħruġa jew approvati mid-Direttur

Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jikkonformaw mal-ħtiġijiet speċifikati fil-partita 13 tat-Tlettax -il Skeda ta' l- Att ta' 1-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud skond il-kumpens lilu mħallas għal dik il-provvista u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 81 u 82 ta' I-Att Nru. XXIII ta' 1-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-29 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-l-artikoli 51, 77(a)(e) u 82 u l-partiti 1,2, 3, u 10 tat- Tlettax -il Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' disa' mitt Euro (€900).

Rat ir-rikors tal-appellanti Ivan Gerald Zammit minnu ppreżentat fid-9 ta' Gunju, 2015 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar, tikkanċella u tirrevoka is-sentenza appellata fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Jurgen Vella) vs. Ivan Gerald Zammit*** mogħtija fid-**29 ta' Mejju, 2015**, okkorendo billi tisma' l-provi kollha mill-ġdid; u konsegwentement.

Tilqa' l-**Ewwel** u t-**Tieni Aggravji** tal-appellant u konsegwentement tillibera lill-Ivan Gerald Zammit minn kull ħtija jew imputazzjoni; jew alternativament.

Mingħajr preġudizzju u subordinatament għall-**Ewwel** u t-**Tieni Talba**, tilqa' it-**Tielet Aggravju** tal-appellant, u tikkonferma is-sentenza appellata fejn din sabet l-imputat ħati tal-mputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu iżda tirriformha in kwantu dak li jikkonċerna l-ergoazzjoni tal-piena sabiex din titnaqqas minn disa' mitt Ewro (€900) kif tipprovdi is-sentenza appellata għal minimu permess mill-liġi u ċjoe` għal seba' mitt Ewro (€700);

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi, l-**Ewwel Aggravju** tal-appellant jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament ħażina tal-fatti meta idderminat li l-verżjoni mogħtija mill-imputat Ivan Zammit ma kinitx kredibbli jew kienet anqas kredibbli minn dik tax-xhud tal-prosekuzzjoni;

Illi, l-fatt li Ivan Zammit ta' verżjoni plawsibbli, raġjonevoli u li kienet tirriskontra mal-verżjoni mogħtija mix-xhud tal-prosekuzzjoni ma għandhiex twieżen il-bilanċ tal-prova kontra l-imputat. Il-prinċipju in dubbio pro reo jibqa' jviġi f'kawżi ta' indoli kriminali u l-prosekuzzjoni ma hijiex eżonerata milli tipprova il-każ tagħħa oltre id-dubbju dettata mir-raġuni;

**IT-TIENI AGGRAVJU**

Illi, mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suespost, t-**Tieni Aggravju** tal-appellant jikkonsisti fil-fatt li l-liġi li taħtha l-imputat li tirregola in-natura tar-rejat u l-piena hija dik kontenuta fl-**Art. 77** tal-**Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta**, senjatament il-paragrafi (a) u (e) tal-istess artikolu.

Illi, l-**Art. 77(a)** tgħid is-segwenti:

"*xjentement tonqos li tagħti kont għal xi attività taxxabbli jew xi akkwist intra-Komunitarju mwettqa minnha fir-records, dokumenti u kontijiet meħtieġa b'dan l-Att jew b'xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu*"

Illi, l-**Art. 77(e)** tgħid is-segwenti:

"*tonqos milli tagħti jew tipproduċi fattura ta' taxxa jew fattura oħra jew dokument kif u meta meħtieġ bl-artikolu 50, 51 jew 52 jew tagħti fattura ta' taxxa jew fattura oħra jew dokument li jkunu mhux korretti jew qarrieqa f'xi rigward materjali jew tonqos milli tipprovdi lill-Kummissarju, mingħajr ebda raġuni valida, il-kopji kollha ta' kull riċevuta fiskali manwali kemm użata kif ukoll mhux użata meta jkunu meħtieġa mill-Kummissarju*"

Illi, qiegħed jiġi umilment rilevat taħt dan l-aggravju li f'ebda mument ma ġie muri waqt is-smigħ tal-provi, lanqas fil-konfront li sar bejn ix-xhiedha fuq talba tal-prosekuzzjoni riżultanti mill-kunflitt ċitat mill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza Tagħħa li l-imputat *qua* appellant naqas milli jipproduċi il-fattura ta' taxxa jew dokument ieħor minnu rikjest fuq talba tal-ispetturi

tat-taxxa. Tant hu hekk li hemm kopja tar-riċevuta fiskali manwali maħruġa mill-istess imputat esebita fl-atti proċesswali u ppreżentata mix-xhud tal-prosekuzzjoni innfisiha;

Illi, mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suespost, lanqas ma ġie muri li l-imputat naqas li jagħti raġuni valida fit-tardaġini tal-ħruġ tal-irċevuta hekk kif jipprovdi l-istess **Art. 77(e)** jew xort' oħra li naqas li jagħti kont tal-attivita` ekonomika tiegħu kif regolat mill-**Art. 77(a)**, tal-**Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta**;

Illi, subordinatament kieku stess *grazio argomenti* wieħed jista' semmai limitatament jitkellem fuq attentat tar-rejat iżda la ġie muri li kellu l-intenżjoni l-imputat li jagħmel dak li ġie kkundannat għalih u allura *multo magis* ma jistax jinstab ħati ta' rejat li la ġie komplut u li tiegħu il-liġi ma tikkontemplax lanqas l-attentat u l-Kap. 406 li hija *lex specialis* la tirregola u lanqas toħloq sanzjoni għall-attentat tar-rejati *ivi* kontemplati fl-istess att u għalhekk l-attentat għal dawn it-tipi ta' rejati ma jeżistix u in lineja mal-massima *nullum crimen sine lege* ma jistax jinstab ħati l-imputat ta' rejat ineżistenti;

**IT-TIELET AGGRAVJU**

Illi, mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suespost, t-**Tielet Aggravju** tal-appellanti jikkonsisti fil-fatt li l-piena imposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija wisq ħarxa u sproporżjonata fil-konfront tar-rejat li għalih ġie misjub ħat l-imputat. Il-liġi tikkontempla parametri għal erogazzjoni ta' piena konsistenti f'multi li jvarjaw minn minn minimu ta' **seba' mitt Ewro (€700)** sa massimu ta' **tlett elef u ħames mija (€3,500)**. Il-bejgħ li sar jammonta għal valur ta' **tletin Ewro (€30)** u kwindi attentat ta' evazjoni fiskali preżunta ta' mera **ħames Ewro u erbgħin ċenteżmu (€5.40)** !( emfasi tal-esponent), liema evażjoni perlopiu` qatt ma seħħet f'kwalsijasi każ u dan għar-raġunijiet fuq premessi;

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din hija kawża sommarja u peress li x-xhieda li nstemgħet quddiem l-Ewwel Qorti ma ġietx rekordjata u wisq anqas traskritta din il-Qorti kellha terġa' tisma' l-provi mill-ġdid.

Illi dan l-appell huwa dwar l-apprezzamet tal-fatti.

Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi magħmul mill-ewwel Qorti jekk tasal għal konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.  Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha.  Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. F'dan il-kuntest wieħed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deċiża fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deċiża fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deċiża fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deċiża fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deċiża fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deċiża fit-3 ta' Novembru, 1995;  u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef deċiża fit-18 ta' Marzu, 2010;  kollha appelli kriminali.

Illi din il-Qorti fliet il-proċess u għamlet il-konklużjonijiet is-segwenti:

Illi quddiem din il-Qorti xehdu s-Sur Paul Scicluna, Lorraine Galea, PL Quentin Tanti u l-appellant.

**L-ewwel Aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Ewwel Qorti:**

Meta xehdet Lorraine Galea l-ispettur tal-VAT department spjegat ċarament illi kienu kellmu ż-żewġ turisti Taljani barra l-ħanut tal-appellant u meta staqsewhom għall-irċevuta u xi xtraw urewhom il-biljett tat-Tour iżda ma kienux ngħataw irċevuta fiskali. L-ispetturi daħlu fil-ħanut flimkien mal-koppja iżda ma damux għax kellhom imorru jaqbdu t-tour li kienu għadhom kemm ħallsu għalih. Hija tiftakar ċarament li l-appellant **<u>ħareġ il-ktieb tal-irċevuti minn ġol kexxun</u>** biex jagħmel l-irċevuta li talbuh biex jagħmel. Dan tikkonfermah ampjament fix-xhieda tagħha.

L-appellant jirrakonta verżjoni differenti tal-fatti minn dik kif spejagat u ddeskriviet l-ispettur tal-VAT. Huwa jgħid li ż-żewġ Taljani bdew jagħġluh biex jagħmilhom il-biljetti għax it-*tour* kien kważi wasal biex jgħaddi minn dik it-Triq u kien ikollhom jistennew nofs siegħa oħra biex jaqbdu li jmiss. Għalhekk huwa offra li jakkumpanjhom sal-post fejn kellhom jistennew biex iwaqqaf il-karozza tat-Tour għalihom. Huwa jgħid li ma kellux ċans jagħmel l-irċevuta għalhekk kien ħa l-ktieb tal-irċevuti miegħu u xi affarijiet oħra sakemm qasmu t-triq u meta daħal ġol ħanut kien beda jikteb l-irċevuta. Jinsisti wkoll li l-ispetturi tal-Vat ma kienux kellmuhom lil koppja.

Illi l-verżjoni mogħtija mill-appellant m'hija konvinċenti xejn u din il-Qorti ma għandhiex dubju li l-verżjoni mogħtija mill-ispettur hija l-verita' ta' kif ġraw l-affarijiet.

Għaldaqstant l-ewwel aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

**It-tieni aggravju jikkonsisti fil-liġi li jirregola r-reat li qed ġie akkużat bih l-appellant u l-piena kontemplata.**

Mix-xhieda tal-ispettur huwa ċar li l-appellant naqas milli jipprovdi l-irċevuta u li kieku ma insistewx l-ispetturi biex issir l-irċevuta kien hemm probabilita' enormi li ma ssirx għax il-ktieb tal-irċevuti minn ġol kexxun kellu joħorġu, tant kien f'idejh lest biex jagħmel l-irċevuta li ma laħaqx jagħmel għal koppja turisti li kienu mgħaġġlin.

**Fit-tielet aggravju l-appellant jikkontendi li l-piena hija ħarxa u sproporżjonata**

Inkwantu jirrigwarda l-piena, l-Ewwel Qorti imponiet multa ta' disa' mitt Ewro. F' dan ir-

rigward l-liġi tikkontempla parametri ta’ multi bejn seba’ mitt Ewro (€700) u tlett elef u ħames mitt Ewro (€3,500) għal dan ir-reat .

Fil-każ il-Pulizija vs Emanuel Portughese deċiża fl- 24 ta’ Novembru, 1962 il-Qorti tal-Appell inferjuri kienet qalet is-segwenti dwar il-piena:

*‘Ir-riviżjoni, da parti tal-Qorti tal-Appell, tal-piena erogata mill-Maġistrat fil-Qorti tal-Ewwel Istanza ma għandiex tiġi affrontata bil-kriterju personali u soġġettiv, u mhux neċessarjament identiku, ta' ġudikant wieħed u ieħor fil-latitudini tal-minimum u tal-maximum tal-piena kontenut fil-liġi, imma għandha tiġi aktar ragjonevolment ispirata mill-indaġini obbjettiva, dik, cjoe', li l-ġudikant fl-appell għandu jara jekk il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti (apparti x'kienet tkun dik li kien jagħti hu stess kieku kien qiegħed fl-ewwel istanza) hijiex, fil-kwadru tal-każ , manifestament eċċessiva, jew gravuża, jew sproporzjonata.’*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali tirrispetta d-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati dwar il-piena sakemm din hija fil-parametri tal-liġi u mhijiex xi waħda inġusta. L-Ewwel Qorti hija kemm fil-parametri tal-liġi u kif ukoll l-multa hija viċin tal-minimu.

Għaldaqsant it-tielet aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

Għal din ir-raġuni din il-Qorti tiddikjara l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet tagħha u għaldaqstant ma tħossx li għandha tiddisturba d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti.

Għaldaqstant din il-Qorti tiċħad l-appell ta’ Ivan Gerald Zammit u tikkonferma s-sentenza appellata.